MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Numru 109/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
v

**PAUL ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL ABELA** bin John u Fortunata nee Micallef, iwmieled Dingli u residenti Kimpu, Tas-Salib, Limiti tar-Rabat, detentur tal-karta tal-identita` numru 747544M gie imressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 2003 u fis-snin ta' qabel, fil-fond "Kimpu", Tas-Salib, Limiti tar-Rabat, Malta, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' ilma li jammonta ghal aktar minn elf lira Maltin (Lm 1,000) ghad-dannu tal-korporazzjoni tal-ilma, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin w ammont.

2. Talli fl-istess data, hin, zmien, lok u cirkostanzi kkometta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin w ammont.

3. Talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew kisser xi parti mill-arlogg tal-elettriku jew xi parti minn xi apparat uzat fil-provvista tal-elettriku.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tmienja ta' Mejju, 2003 [fol 93] sabiex din il-kawza tigi deciza bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana skond ma gie registrat fis-seduta tad-disgha ta' Gunju, 2003 [fol 96].

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u li l-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2003, **xehed l-Ispettur Mario Bonello** w ikkonferma illi fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 2003 huwa kien mar fil-fond imsemmi fir-rapport tieghu lill-Magistrat tal-Ghassa u cioe` "Kimpu", Tas-Salib, limiti tar-Rabat, flimkien mal-Membri tal-Korporazzjoni tal-Ilma. Maghhom kien hemm ukoll

presenti l-imputat li stqarr maghhom dakinhar stess illi huwa kien sid il-post in kwistjoni. Illi huwa kien infurmat mill-Magistrat tal-Ghassa b'dak li rrizultalu primarjament u sussegwentement infethet inkjesta relattiva peress li kien hemm irregolaritajiet fis-sistema tad-dawl u tal-ilma f'dan il-fond.

Nhar is-s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2003 **xehed l-espert nominat mill-Qorti diversament preseduta** u qal illi huwa kien acceda fil-post in kwistjoni skond ma kien gie ordnat lilu mill-Magistrat Inkwerenti u hemmhekk sab numru ta' irregolaritajiet li huwa iddeskriva fir-relazzjoni li esebixxa fl-atti u li tinsab immarkata bhala dok HJA. Illi fil-fehema tieghu, jidher bic-car li twahhlu pipijiet u connections ohra ghal mal-main tal-ilma, sabiex jittiehed l-ilma bla ma jigi registrat il-konsum. Deherlu ukoll li l-pipijiet li kien hemm izda li ma kienux ikkonnettjati fil-mument tal-access kienu gew ikkonnettjati qabel u effettivament kien ittiehed xi ilma ghas-sit kollu. Innota ukoll illi rigwardanti s-sistema tal-elettriku kien hemm xi wires maqtughin w imwahhlin permezz ta' china connector qabel l-imsemmi meter mal-cable.

Illi fl-istess jum kien **xehed** l-inginier tal-Korporazzjoni tal-Ilma, certu **Anthony Rizzo**, fejn stqarr illi huwa kien ircieva telefonata fejn kien gie infurmat li kienet qed issir investigazzjoni dwar diskrepanza fl-ammont ta' ilma li kien hemm bejn meters u kellhom suspett li kien qed isir xi abbuz u li jittiehed l-ilma b'mod irregolari.

Huwa kien gie akkompanjat fl-ghalqa mertu tal-kawza flimkien ma xi membri ohra tal-istess Korporazzjoni u minnufih innota illi l-pipe li kien qed jipprovdi l-ilma ghal dan il-fond ma kellux meter imwahhal mieghu u b'hekk il-konsum ma kienx qed jigi registrat. Huwa sussegwentement esebixxa numru ta' ritratti li jinsabu inseriti a fol 63 et seq li jindikaw kif effettivament kien qed isir l-abbuz. Dan Rizzo jghid ukoll, meta xehed fl-inkjesta quddiem l-espert tekniku nhar it-tlieta ta' Frar, 2003 li l-imputat kien stqarr mieghu li kien ilu xi erbgha snin jistenna sabiex ikollu meter installat mill-Korporazzjoni pero skond ma qallu l-imputat, il-foreman kien qallu li ma

kellhomx meters. L-inginier spjega kif wasal ghall-ammont approssimattiv ta' serq ta' dsatax il-lira tlieta u tmenin centezmu, liema kalkolu jinsab deskritt fix-xhieda tieghu mghotija l-Qorti. Mistoqsi jekk ghamilx verifiki biex jara jekk kienx hemm applikazzjoni pendenti ghall-installazzjoni tal-meter, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk verament il-meters kienu out of stock dak iz-zmien, huwa wiegeb ukoll fin-negattiv.

Ta' importanza pero ghal din il-Qorti huwa dak li jghid ix-xhud fl-ahhar parti tax-xhieda tieghu u cioe` li x-xoghol in kwistjoni dwar it-tqeghid tal-pipijiet huwa minn taghhom u cioe` maghmul mir-rappresentanti tal-Korporazzjoni tal-ilma, u mistoqsi jaghti spjegazzjoni ghaliex meter ma twahhalx, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jispjega.

**Stefan Riolo**, inginier iehor mal-Korporazzjoni **spjega w ikkonferma** dak li kien qal ix-xhud precedenti, l-inginier Rizzo. Qal, b'certezza, illi l-ilma li kien qed jintuza mill-imputat ma kienx qed jigi registrat ghaliex meter ma kienx hemm. Huwa ukoll ikkonferma li s-sistema tal-pipijiet kien tal-Korporazzjoni, pero' ma kienx hemm meter. Mistoqsi ghaliex dan setgha sar, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ir-raguni u fil-fatt qal li lanqas ma kien xogholu li jinvestiga kaz bhal dan. Xogholu kien biss li jaghmel water audit u jara fejn hu sejjer il-konsum tal-ilma.

**Gino Micallef** inginier iehor mal-istess Korporazzjoni, **ikkonferma** dak kollu li qalu l-inginiera fuq imsemmija u fil-fatt spjega forsi f'aktar detall kif kienu impoggija l-pipijiet li kienu qed jiffijdjaw l-ilma ghall-proprjeta` tal-imputat.

**Paula Grech Bonnici**, l-esperta nominata fl-inkjesta biex televa xi kampjuni tal-ilma mill-fond in kwistjoni, **xehdet w ikkonfermat** illi l-kampjuni tal-ilma mehuda minnha gew mehuda fil-presenza tal-imputat u ikkonfermat illi l-kampjuni tal-ilma mehuda mill-vitien kien tal-istess origini tal-ilma mill-mains tal-Korporazzjoni waqt li l-kampjuni tal-ilma mehud mill-giebja x'aktarx kien tal-istess origini tal-istess ilma mehud mill-main, izda imhallat bl-ilma tax-xita jew ilma iehor b'konduttivita` u chlorides baxxi.

Fil-fehma taghha, il-probabilta` hi li l-kampjuni mehuda minnhom kollha kellhom l-istess origini.

**Mario Mifsud** li huwa in charge mid-disrett tar-Rabat mal-Korporazzjoni tal-Ilma, **ikkonferma** li huwa ghamel xi xoghol fil-fond mertu tal-kawza, ghalkemm stqarr li ma kienx hu li ghamel il-pipe li kien tielgha mal-hajt, diehel ghal gol-ghalqa.

**Sharon Vella** haddiema mal-Korporazzjoni tal-ilma **spjegat** illi hija ma sabet l-ebda applikazzjoni ghall-hrug ta’ meter f’isem l-imputat pero qalet li dawn jinzammu fid-distrett u mhux fil-head office fejn kienet tahdem hi.

**Paul Pantalleresco**, fitter mal-Korporazzjoni Enemalta, **xehed u spjega** li metru l’fuq mis-service box kien hemm china connector u permezz tieghu x’aktarx li kien qed isir serq ta’ elettriku. Stqarr li huwa ma sab l-ebda installazzjoni ma dan ic-china connector pero’ qal illi l-imputat kien ammetta mieghu li kien hu li ghamel dan ic-china connector waqa li kien laqat l-elettriku li kien hemm b’mannara.

**Joseph Meilak**, assistant fitter mal-Enemalta, **ikkonferma** illi kien hemm china connector imwahhal il-fuq mis-service box, pero’ minghajr ebda installazzjoni mieghu. Il-meter kien qed idur normali u jirregistra l-konsum b’mod regolari.

**Silvio Decelis**, rappresentant tal-Enemalta, **xehed** illi kien hemm diskrepanza fil-kontijiet tal-Elettrikul, fl-ammont ta’ mitejn disgha u tmenin lira sebgha w hamsin centezmu u hames millezmi [LM 289.57c5.]

**Ian Vella**, rappresentant tal-Enemalta, **xehed** fit-tlettax ta’ Jannar, 2004 u ikkonferma illi l-imputat kien hallas is-somma pretiza mill-Korporazzjoni tal-Elettriku fl-ammont ta’ mitejn disgha u tmenin lira sebgha w hamsin centezmu u hames millezmi [Lm 289.57c5] dakinhar stess tat-tlettax ta’ Jannar, 2004.

**L-imputat Paul Abela xehed** nhar is-sbatax ta' Jannar, 2005 u ikkonferma illi l-proprjeta` in kwistjoni tikkoncerna sittax il-tumulo ta' raba'. Pero' ma kienx jahdima kollha ghaliex il-parti l-kbira taghha kien jizra l-qamh. Fl-ghalqa qal li kellu giebja li tintela mill-ilma tax-xita liema giebja titkompla tintela mill-ilma tal-ispiera li hija registrata mal-Korporazzjoni tal-Ilma. Spjega li huwa kien applika biex ikollu servizz tal-ilma u effettivament kienu tawh tali servizz tramite pipe irqiq li ma kienx iservih. Illi l-korporazzjoni kienet talbitu jaghmel applikazzjoni gdida wara li huwa jbiddel il-pipe u huma jaghmlulu l-komunikazzjoni relattiva. Fil-fatt kien mela l-applikazzjoni, l-Ispettur Scicluna mill-Planning Authority kien ghamillu zjara u effettivament kien ha hsieb li ssirlu l-connection relattiva. Ikkonferma li kienu gew zewg minn nies u ghamlulu l-connections kollha u kellhom imorru l-ghada biex jaghmlulu meter. Dan kien fis-sena 1998. Minn dakinhar il-quddiem huwa cempel id-dipartiment diversi drabi izda ghalxejn u wara kien gie mitlub jaghmillhom id-domanda bil-miktub u fil-fatt hekk ghamel fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru, 1999 kif jirrizulta mill-atti.

Illi sussegwentement kienu reghhu marru zewg rappresentanti ohra tal-Korporazzjoni u qalulu li kienu ser jiehdu hsieb sabiex jiffinalizzaw din il-kwistjoni, pero dan nonostante l-kwistjoni baqghet pendenti. Dwar il-kwistjoni tal-elettriku, l-imputat iddikjara li kien qed jiehu responsabbilita` ta' dak li sehh, u in effetti hallas dak minnu dovut ghas-sodisfazzjoni tal-Korporazzjoni, pero' dwar il-kwistjoni tal-ilma, l-imputat sostna li ma kienx qed jassumi r-responsabilita` ta' dak li sehh peress li kienet il-korporazzjoni stess li kienet traskurata fl-agir taghha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti u cioe` mill-ammissjoni tal-imputat stess dwar il-kwistjoni tal-elettriku, l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghas-serq li sar ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Dwar il-kwistjoni l-ohra pero, l-Qorti ma thossx illi l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat ta' serq, ghaliex effettivament

huwa ma kienx qed jiehu l-ilma ad insaputa tal-Korporazzjoni, tant hu hekk, li z-zewg inginiera tal-Korporazzjoni li xehedu f'dawn il-proceduri, t-tnejn ikkonfermaw li s-sistema tal-ilma li kien hemm kienet wahda maghmula mill-Korporazzjoni stess, u l-unika irregolarita` li kien hemm, kienet in-nuqqas ta' meter li l-imputat stess ta spjegazzjoni ghaliex dan il-meter ma kienx hemm.  Huwa minnu li hija l-Korporazzjoni li kienet traskurata fl-agir taghha f'dan ir-rigward u filwaqt illi tiddikjara li l-imputat ma ghandux jinstab hati tal-akkuza ta' serq t'ilma, dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-hlas li jrid isir dwar il-konsum tal-ilma.  M'hemmx dubju, li mill-provi prodotti, li l-konsum kien wiehed irregolari, pero' zgur li l-fatti specie tal-kaz ma jinkwadrax ruhu fl-elementi tar-reat ta' serq li jridu jigu ippruvati mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat.  Illi mill-provi prodotti, ma jirrizultax l-hsara sofferti mill-Enemalta fil-meter tad-dawl.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta lilha mill-Avukat Generali u cioe` l-artikoli 18, 261 (b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 325, 326 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat PAUL ABELA hati tal-akkuza ta' serq ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, pero stante li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess Korporazzjoni, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar mill-llum ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti, l-Qorti rat li tali spejjez gew inkorsi fl-istadju tal-inkjesta u ma gewx ordnati waqt il-kumpilazzjoni, ghaldaqstant in linea ma dak li gie deciz fis-sentenza l-Pulizija vs Trevor Farrugia, deciza fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------